**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 725/2020 AF**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**vs**

**Raymond Mallia u martu Josette sive Josephine Mallia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' HSBC Bank Malta p.l.c., li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

In forza ta' kuntratt tat-22 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit, il-Bank attur ikkonceda facilità bankarja lill-konvenuti Raymond u Josette sive Josephine konjugi Mallia konsistenti f'self fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€42,627.53) u dan wara *sanction letter* mahruga mill-istess Bank attur datata 23 ta' Ottubru 2007 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok. B).

Il-konvenuti naqsu milli jaghmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u ghaldaqstant huma ddekadew mill-beneficcju tat-terminu moghti lilhom skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess *sanction letter* kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv.

Fuq dan is-self il-konvenuti huma ghalhekk debituri tal-Bank attur fis-somma ta' erbgha u tletin elf, erba' mija u hames Ewro u disgha u disghin centezmu (€34,405.99), dovuta in kwantu ghal tlieta u tletin elf, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€33,732.82) bhala bilanc mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti sitt mija u tlieta u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu (€673.17) bhala imghax ikkalkulat sal-5 ta' Awwissu 2020, kif rifless fl-istatement hawn anness bhala Dok. C, oltre l-imghax legali ulterjuri mis-6 ta' Awwissu 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu l-ammont dovut minnhom, anki permezz ta' ittra ufficcjali datata 10 ta' Lulju 2019 li ggib in-numru 1233/19 (Dok. D), baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti Raymond u Josette sive Josephine konjugi Mallia huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ erbgha u tletin elf, erba’ mija u hames Ewro u disgha u disghin centezmu (€34,405.99), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imghax legali ulterjuri mis-6 ta’ Awwissu 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti Raymond u Josette sive Josephine konjugi Mallia jhallsu lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta’ erbgha u tletin elf, erba’ mija u hames Ewro u disgha u disghin centezmu (€34,405.99), bl-imghax ulterjuri ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mis-6 ta’ Awwissu 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 10 ta’ Lulju 2019, u tal-mandat ta’ sekwestru fl-istess ismijiet premessi pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza, kontra l-konvenuti konjugi Mallia li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta’ Raymond Mallia u martu Josette sive Josephine Mallia, li permezz taghha huma rregistraw l-ammissjoni taghhom ghat-talba tal-attur.

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank rikorrenti.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuti Raymond u Josette sive Josephine konjugi Mallia huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta’ wiehed u tletin elf, disa’ mija u hames Ewro u disgha u disghin centezmu (€31,905.99), dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imghax legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-istess konvenuti Raymond u Josette sive Josephine konjugi Mallia jhallsu lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta’ wiehed u tletin elf, disa’ mija u hames Ewro u disgha u disghin centezmu (€31,905.99), bl-imghax ulterjuri ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond Mallia u Josette sive Josephine Mallia in solidum bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG